MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2001

Numru 1/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Alexander Miruzzi)**

**vs**

**Brian Cauchi ta' 24 sena, iben Anthony u Carmen nee Pace , imwieled, tal-Pieta', fl-20 ta' Dicembru, 1974 u residenti 'Prince Charles', St. Monica Street, Pieta', detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 32175(M).**

**Illum 30 ta' Marzu, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Brian Cauchi li gie akkuzat talli

Nhar il-15 t'Awissu, 1999, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu dolozament, f'dawn il-gzejjer b'sustanza esplosiva, ghamel esplozjoni li setghet tqieghdet f'periklu l-hajja ta' haddiehor u li ghamel hsara gravi fil-hwejjeg haddiehor, jigifieri fil-vettura tat-tip Hyundai Stellar bin-numru ta' registrazzjoni IAA-421 ta' Santino Persiano li kienet assikurata ghall-ammont ta' elf liri Maltin (Lm1,000).

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmija hawn fuq volontarjament hassar, ghamel jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal elf lira Maltin (Lm1,000).

Aktar minn hekk, akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi u fis-sighat ta' qabel, xjentement zamm jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu xi sustanza esplosiva, taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi hu ghamilha, zammha jew kienet ghandu ghal hsieb mhux lecitu.

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li din l-Onorabbli Qorti tipprocedi ghat-termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali kemm-il darba jigu mahtura esperti waqt il-proceduri.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji u li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ir-rinviju ta' l-Avukat Generali datat 9 ta' Awissu 2000 fejn baghat l-artikoli taht liema haseb li tista' tinstab htija u cioe (a) l-artiklu 325 tal-Kap 9 u (b) l-artikolu 313 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoi biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Semghet lill-Ispettur A. P. Miruzzi li xehed li hu kellu lil Stefano Persiano Persiano li cahad l-involviment tieghu

fis-serqa tal-vettura. Kellem lill-akkuzat li kien rikoverat gewwa l-isptar fil-Burns Unit. Cauchi qallu li hu kien inharaq waqt li kien BBQ. L-gharusa ta’ Cauchi kkonfermat dan il-fatt tal-BBQ pero’ tat lokalita’ differenti. Meta rega nterroga lil Persiano huwa ammetta li kienu Cauchi, l-akkuzat u hu li qabbdu l-vettura ta’ Santino Persiano, missier l-istess Stefano.

Kien f’dan l-istadju li Cauchi ammetta l-involviment tieghu.

Semghet lil Santino Persiano. Ikkonferma li l-vetura IAA-412 Hyundai Stellar kienet tieghu. Qal ukoll li kien irrapurtaha nieqsa u li aktar tard kien sar jaf li nstabet mahruqa. Ikkonferma li kien irrinunzja li jiehu proceduri kontra ibnu Stefano (Dok SD) kif ukoll kontra Brian Cauchi. Qal li l-karozza kienet inxurjata ghal Lm800.

Xehed Saviour Zammit rapprezentant tal-Middle Sea Insurance li stabilixxa li l-vettura Iaa-421 kienet inxurjata versu l-ammont ta’ Lm1000. (Dok SZ).

Mir-rapport ta’ l-espert Joseph Zammit gie stabbilit illi l-hruq li sofriet il-vettura IAA-421 kien doluz. L-espert stima l-valura tal-vettura qabel ma garrbet il-hrug ghas-somma ta’ Lm800.

Xehed Stefano Persiano, qal li hu u l-akkuzat kienu accedew Pembroke bil-karozza in kwistjoni sa dak il-hin bil-karozza kienet f’kundizzjoni tajba. Mill-istqarrija ta’ Stefano Persiano Dok SP1 jirrizulta l-involviment tieghu fis-serqa u l-hrug tal-vettura ta’ missieru kif ukoll l-involviment ta’ l-akkuzat f’dan ir-rigward. Jigi ukoll rilevat minn din il-
Qorti li ma saret ebda oggezzjoni ghall-fatt li din l-istqarrija giet esebita.

Brian Cauchi rrilaxxa stqarrija esebita a fol 26 Dok BC tal-process kif ukoll xehed viva voce (a fol 103 tal-process). Fiz-zewg okkazjonijiet ammetta li kien hu biex jagevola habib tieghu Stefano Persiano li kien ta n-nar il-karozza u kien hemm li wegggha.

Rat ukoll il-verba tad-Difiza datat 7 ta' Lulju, 2000 fejn l-istess Difiza qabblet is-sustanza tal-petrol jista' jservi bhala agent biex jikkaguna spluzjoni.

Illi minn dak kollu premess il-Qorti hija tal-fehma li Brian Cauchi huwa hati ai termini ta' l-artikoli proposti mill-Avukat Generali u cioe 325(a) u 313 u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar il-piena rat li Santino Persiano rrinunzja ghall-azzjoni kriminali kontra ibnu Santinoli kien involut fl-incident daqs l-akkuzat. Illi b'tali rinunzja spicca li l-akkuzat biss tressaq bl-akkuzi in dizamina u anke dan il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni meta tigi ghall-piena. Rat il-fedina penali ta' l-imputat, thoss li f'dan il-kaz il-piena ghandha tkun dik ta' sentenza sospiza, rat l-artiklu 28A tal-Kap 9, tikkundannah ghal sentejn habs sospizi ghal erba' snin.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.